MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 137/2009

**GasanMamo Insurance Limited C-3143**

**vs**

**Alitalia - Linee Aeree Italiane SpA**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tas-socjeta’ rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta’ intimata ghall-hlas tas-somma ta’ sitt elef, erba’ mija u tnejn u erbghin Ewro (€6,442) rapprezentanti kumpens moghti mis-socjeta’ rikorrenti lill-assigurat taghha ghal telf ta’ “*EVO gearbox and dog box assembly*” liema oggetti ntilfu meta dawn kienu taht ir-responsabbilita` tas-socjeta` intimata, liema oggetti kellhom jaslu Malta f’Novembru tas-sena 2007;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni u bl-interessi legali mid-data tal-presentata tal-avviz sad-data ta’ pagament effettiv;

Bl-interessi legali u bl-ispejjez legali, kontra l-intimat, li huwa wkoll ingunt ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' rikorrenti sabiex is-socjeta' intimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta` intimata naqset u ma deher l-ebda rapprezentant taghha, la fis-7 t'Ottubru tas-sena 2009, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` intimata Alitalia-Linee Aeree Italiane SpA thallas is-somma ta' sitt elef, erba' mija u tnejn u erbghin Ewro (€6,442) lis-socjeta' rikorrenti GasanMamo Insurance Limited C-3143;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kif dedotti kontra s-socjeta' intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------